GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-VOLONTARJAT

komunitajiet
aktar inklussivi

# LINJI GWIDA

Frar
2026

**komunitajiet**
aktar inklussivi

# Linji Gwida

## 1. Għan

L-għan ta' dan il-fond huwa maqsum fi tnejn:

**a. Nippromwovu l-volontarjat fost il-komunitajiet lokali,** u

**b. Inrawwmu kultura ta' inklużjoni.**

Din l-iskema hija maħsuba sabiex tassisti lill-applikanti fit-twettiq ta' proġett / inizjattiva biex nibnu komunitajiet aktar b'saħħithom sabiex kulħadd ikollu l-opportunità li jirnexxi.

Din għandha tiffoka fuq l-involviment ta' żgħażagħ, adulti, anzjani u/jew persuni b'diżabilità li jingħaqdu flimkien f'dan il-proġett li jindirizza l-Istrateġija Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità jew l-Istrateġija Nazzjonali għall-Volontarjat, u b'hekk il-proġett iservi bħala opportunità biex nagħmlu differenza fil-komunitajiet tagħna.

## 2. Eliġibilità tal-applikanti

a. L-Applikant għandu jkun Għaqda Volontarja li hi reġistrata u konformi mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji sad-data tal-għeluq għas-sottomissjonijiet tal-applikazzjonijiet elettroniċi;

b. Il-proġett għandu jkun innovativ u mhux repetizzjoni ta' xi proġett li diġà sar u kien finanzjat mill-istess organizazzjoni jew xi fond ieħor tal-gvern. *E.ż. Installazzjoni ta' sistema awdjoviżiva għal-live-streaming ta' attivitajiet, jew xiri ta' apparat ieħor, huwa meqjus bħala proġett wieħed u top-ups tiegħu mhux eliġibbli taħt din l-iskema;*

c. Għaqdiet Volontarji reġistrati li għandhom ftehim attiv ta' Public Social Partnership (PSP) mal-Gvern ta' Malta mhumiex eliġibbli li japplikaw taħt din l-iskema.

## 3. Numru ta' applikazzjonijiet

Għaqda Volontarja li hi konformi **tista' tissottometti applikazzjoni waħda (1)** taħt waħda mill-Prioritajiet Ġenerali tal-iskema sad-data tal-għeluq.

# Linji Gwida

**4. Tul tal-proġett**

Sa massimu ta' tnax (12) -il xahar konsekuttiv li jibdew mill-1 ta' Settembru 2026 sal-31 t'Awwissu 2027.

**5. Prioritajiet Ġenerali tal-proġetti u inizjattivi**

a. L-Applikanti għandhom jindirizzaw waħda minn:

i. **Strateġija Nazzjonali 2021-2030 għal Malta dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità**

L-għan ewlieni ta' din l-iStrateġija huwa li jipprovdi pjan strateġiku għas-settur tad-diżabilità Malti li jwassal għall-2030, is-sena identifikata għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Ġnus Magħquda. Għalhekk, din l-iStrateġija tkopri oqsma differenti li b'mod jew ieħor, direttament jew indirettament għandhom effett wiesa' fuq id-diżabilità. Ġie identifikat sett ta' 13-il għan. Element importanti li għandu jiġi enfasizzat, għalkemm imsemmi kemm-il darba f'ċerti Azzjonijiet speċifiċi f'din l-iStrateġija, huwa l-prinċipju ewlieni tal-Konvenzjoni ta' "Xejn Dwarna, Mingħajrna". L-ebda azzjoni, irrispettivamnet minn kemm tkun kbira jew żgħira, ma tista' twettaq b'mod xieraq, jew jista' jkollha xi leġittimità, jekk ma tkunx imfassla minn u għal persuni b'diżabilità, u ma tpoġġihomx fil-qalba ta' kull pass illi jsegwi bħala riżultat ta' tali xogħol.

L-Applikanti għandhom jindikaw ċarament kif il-proġett/inizjattiva ser isegwi u jikkontribwixxi għat-twettiq tal-Istrateġija Nazzjonali għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

L-Istrateġija tista' tiġi aċċessata billi tagħfas fuq din il-link - Strateġija Nazzjonali 2021-2030 għal Malta dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (MT).

ii. **Strateġija Nazzjonali tal-Volontarjat 2025-2030**

Din l-Istrateġija hija segwitu naturali għal dik preċedenti, u tirrifletti komunità li qed tevolvi kontinwament, fejn is-settur volontarju, bħas-setturi l-oħra fis-

## Linji Gwida

soċjetà eteroġenja, qed jixhed bidliet kontinwi u qed jiltaqa' ma' sfidi ġodda. Għal dan il-għan, hemm il-ħtieġa li b'rispons kreattiv għandu jiġi indirizzat l-użu aħjar tar-riżorsi, kemm dawk umani, fiżiċi kif ukoll finanzjarji. Il-parteċipazzjoni, l-involviment u l-kollaborazzjoni tal-partijiet interessati kollha tal-komunità huma essenzjali. Il-volontarjat huwa mezz pożittiv, naturali u dinamiku li jwassal għal interazzjoni umana sinifikanti, kollaborazzjoni u kontribut sinifikanti. L-effett trasformattiv tal-volontarjat fuq l-individwi, l-għaqdiet, il-komunitajiet u s-soċjetà jservi bħala għodda li tippromwovi ċ-ċittadinanza attiva, l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà.

Għal dan il-għan, l-Istrateġija hija mibnija fuq erba' pilastri strateġiċi:

i. Bini tal-kapaċità sabiex tinżamm u tissaħħaħ l-effettività ta' kull għaqda volontarja;

ii. Kollaborazzjoni mal-partijiet interessati biex jintlaħqu għanijiet komuni, jiġi massimizzat l-użu tar-riżorsi u jinħoloq impatt akbar fost il-komunitajiet;

iii. Soċjetà ċivili li ħafna drabi hija mmexxija u amministrata minn voluntiera, li għandhom jingħataw firxa ta' opportunitajiet biex jesprimu liberament il-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet u tħassib nazzjonali, u biex jingħataw l-appoġġ meħtieġ sabiex jindirizzawhom; u

iv. Il-vuċi u l-viżibbiltà tas-settur, jiġifieri r-rikonoxximent tal-isforzi tiegħu bħala valur u ċ-ċelebrazzjoni tas-suċċessi tiegħu.

L-Istrateġija tista' tiġi aċċessata billi tagħfas fuq din il-link - Strateġija Nazzjonali tal-Volontarjat 2025-2030 (MT).

b. Il-proposti tal-proġett għandhom jibbażaw fuq waħda minn dawn il-kategoriji:

i. Proġetti u/jew inizjattivi ta' għarfien bl-involviment ta' persuni b'diżabilità / tfal / żgħażagħ / adulti / anzjani;

ii. Proġetti u/jew inizjattivi parteċipattivi bl-involviment ta' persuni b'diżabilità / tfal / żgħażagħ / adulti / anzjani;

iii. Inizjattivi ta' Edukazzjoni / Tagħlim bl-involviment ta' persuni b'diżabilità / tfal / żgħażagħ / adulti / anzjani.

c. Kull proposta li tkun sottomessa għandha tkun imqabbla **ma' wieħed (1) mill-għanijiet li joħorġu minn waħda miż-żewġ skemi.** Għandha ssir referenza speċifika għall-oġġettiv li qed jiġi ndirizzat permezz tal-proġett/inizjattiva msemmija fil-proposta.

d. Applikazzjonijiet li jindirizzaw aktar minn oġġettiv wieħed jingħataw punti addizzjonali fl-istadju ta' evalwazzjoni.

### 6. Kriterji ta' esklużjoni

a. Il-proposta tal-proġett diġà ġiet finanzjata minn xi fond ieħor (i.e. Fondi Nazzjonali jew tal-UE).

b. Il-proġett / inizjattiva huwa purament attività ta' ġbir ta' fondi.

c. Jekk organizzazzjoni tipproponi proġett li sar fis-snin ta' qabel, jew inkella repetizzjoni ta' proġett li diġà kien finanzjat minn fondi oħra (Nazzjonali / UE), jiġi awtomatikament ikkunsidrat ineliġibbli, skont klawsola 2(b).

d. Jekk l-organizzazzjoni jkollha xi proġetti mill-iSkema Komunitajiet aktar Inklussivi preċedenti li ma jkunux ġew finalizzati kompletament skont id-data ta' skadenza tal-Ftehim tal-Għotja.

e. L-applikant ma josservax il-kriterji ta' eliġibilità skont klawsola 2.

### 7. Kriterji tal-għażla

Il-kriterji tal-għażla jippermettu lill-Bord tal-Evalwazzjoni sabiex jassessja l-kapaċità finanzjarja u operattiva sabiex jitwettaq il-proġett propost.

# Linji Gwida

a. **Kapaċità finanzjarja** – Dan ifisser li l-applikant għandu sorsi finanzjarji stabbli u suffiċjenti sabiex imantni l-attività tul il-ħajja tal-proġett. Il-Bord għandu jikkonsulta mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji (OCVO) dwar l-aħħar returns finanzjarji sottomessi lilu qabel il-ftuħ ta' din is-sejħa.

   Jekk, abbażi t'hawn fuq, l-Applikant ma jkunx kunsidrat konformi mill-OCVO, il-Bord tal-Evalwazzjoni għandu jirrifjuta l-applikazzjoni.

b. **Kapaċità operattiva** – Dan ifisser li l-applikant għandu jikkonferma li għandu n-nies, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-motivazzjoni meħtieġa biex iwettaq il-proġett. Dan jikkostitwixxi taqsima speċifika tal-formola t'applikazzjoni elettronika.

c. **Puntwalità** – Dan ifisser li l-applikant għandu jissottometti pjan ta' implimentazzjoni previst tal-proġett li jinkludi l-preparazzjoni (e.ż. bżonn ta' permessi), l-implimentazzjoni attwali, marketing u l-għeluq tal-proġett fuq medda ta' tnax (12) -il xahar skont klawsola 4.

d. **Permessi għall-proġetti infrastrutturali** – L-applikant għandu jiddikjara jekk l-implimentazzjoni tal-proġett b'suċċess tirrikjedi permessi tal-ippjanar. F'każ li permessi tal-ippjanar huma meħtieġa, l-applikant għandu jipproduċi ittra ta' approvazzjoni mingħand il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' (CRPD) li tindika li mhux qed toġġezzjona għall-proġett kif preżentat u li hu aċċessibbli għal kulħadd.

   Fin-nuqqas tal-ittra ta' approvazzjoni, l-applikant għandu jilħaq japplika mal-Bord tat-Test of Reasonableness tal-Kummissjoni (TORB) qabel japplika għall-fondi u jipproduċi prova tas-sottomissjoni.

## 8. Award criteria

L-award criteria huma indikaturi li jippermettu lill-Bord tal-Evalwazzjoni sabiex jevalwa l-kwalità tal-proġetti u/jew inizjattivi sottomessi għall-fondi. Abbażi ta' dawn il-kriterji, il-fondi jiġu allokati lil dawk il-proġetti li huma allinjati u li jimmassimizzaw l-għanijiet ġenerali tal-iskema.

L-award criteria kif indikati fl-Anness 1 ta' dawn il-Linji Gwida jiddeskrivu eżattament il-punti li ser jiġu kkunsidrati fl-assessjar tal-kwalità tal-proġett.

# Linji Gwida

**9. Fondi disponibbli**

a. L-ammont totali allokat għal din l-iskema għas-sena 2026 huwa ta' €250,000

b. Kull proġett jista' jingħata sa massimu ta' għaxart elef ewro (€10,000) inkl. VAT.

c. Flimkien mal-proposta tal-proġett għandhom jiġu preżentati tal-inqas **tlett (3) kwotazzjonijiet mingħand fornituri ta' oġġetti jew servizzi għal kull spiża prevista** li teċċedi s-somma ta' mitt ewro (€100).

d. Għandha timtela' u tkun uploaded it-tabella "Budget Comparison" (mehmuża ma' dan is-sett ta' linji gwida), li tindika l-ispejjeż involuti flimkien mat-tliet kwotazzjonijiet provduti minn tliet fornituri differenti. It-tabella u l-kwotazzjonijiet kollha għandhom jittellgħu online mal-applikazzjoni fis-sezzjoni apposta.

**10. Spejjeż eliġibbli**

Sabiex ikunu eliġibbli taħt din l-iskema, l-ispejjeż iridu:

- Ikunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Proġett;
- Jappoġġjaw id-deliverables tal-Proġett;
- Ikunu konsistenti mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda, f'termini ta' value for money u kost-effettività;
- Ikunu ntefqu matul it-terminu tal-Proġett kif definit fil-ftehim;
- Ikunu verament u effettivament sostnuti mill-benefiċjarju;
- Ikunu rreġistrati fil-kontijiet tal-benefiċjarju skont il-prinċipji tal-kontabilità applikabbli;
- Ikunu ddikjarati skont ir-rekwiżiti tal-leġislazzjoni tat-taxxa u tas-Sigurtà Soċjali applikabbli;
- Ikunu identifikabbli u verifikabbli, u appoġġjati b'dokumenti oriġinali ta' sostenn; u

## Linji Gwida

- Ikunu innovattivi u mhux xirja ripetuta ta' Proġetti li kienu approvati fi snin passati għall-istess għadqa.

| | |
|---|---|
| **Spejjeż tal-attività** | Spejjeż direttament marbuta mal-implimentazzjoni tal-Proġett, sakemm ikunu konsistenti mal-baġit ippreżentat f'din l-e-application. Il-kisbiet għandhom jiġu deskritti fir-rapport interim/finali u sostnuti bi kwotazzjonijiet, invoices oriġinali, cash sales u rċevuti tal-VAT. |
| **Marketing, disseminazzjoni u użu massimu tar-riżultati** | Attivitajiet ta' promozzjoni, disseminazzjoni u l-użu massimu tar-riżultati tal-proġett, li għandhom ikunu deskritti b'mod ċar fil-formola tal-e-application. Il-kisbiet għandhom jiġu deskritti fir-rapport interim/finali u sostnuti bi kwotazzjonijiet, invoices oriġinali, cash sales u rċevuti tal-VAT. |
| **Spejjeż ta' ospitalità** | Spejjeż ta' ospitalità relatati ma' ikel u xorb huma limitati għal massimu ta' €500 inkluż il-VAT, sakemm dawn l-ispejjeż ikunu konsistenti mal-baġit ippreżentat f'din l-e-application. Il-kisbiet għandhom jiġu deskritti fir-rapport interim/finali u sostnuti bi kwotazzjonijiet, invoicesoriġinali, cash sales u rċevuti tal-VAT. |

# Linji Gwida

**11. Għażla u Pagament tal-Grant**

a. L-Applikazzjonijiet sottomessi għandhom jiġu evalwati minn Bord t'Evalwazzjoni.

b. Il-Bord tal-Evalwazzjoni għandu d-dritt li jitlob aktar dokumentazzjoni lill-Applikant wara s-sottomissjoni tal-proposta. Jekk l-informazzjoni mitluba ma tkunx provduta fiż-żmien stipulat mill-Bord, l-applikazzjoni tista' tkun awtomatikament rifjutata mill-istess Bord.

c. Il-marki miksuba fl-evalwazzjoni jissarfu f'fondi skont il-perċentwal miksub. Il-perċentwal jiġi applikat fuq l-ispejjeż eliġibbli tal-proġett sa massimu ta' €10,000. Għal proġetti li jeċċedu l-€10,000, il-finanzjament jiġi kkalkulat biss fuq dan il-limitu massimu ta' €10,000.

d. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li l-ammont ta' fondi li jingħataw lill-Applikant ikunu anqas minn dawk mitluba. F'dan il-każ, l-Applikant għandu jaċċetta li jkompli bil-proposta tal-proġett.

e. Jekk il-Bord tal-Evalwazzjoni jaċċetta l-proposta tal-proġett, jiġi allokat ħamsin fil-mija (50%) tas-somma globali tal-ispejjeż approvati għall-proġett, qabel jibda l-proġett.

f. Il-bilanċ ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-ispejjeż globali approvati għall-proġett, għandhom jingħataw ladarba l-proġett ikun komplut, u suġġetti għal:

   i. Sottomissjoni ta' rapport interim u finali skont it-template provduta;

   ii. Preżentazzjoni ta' rċevuti oriġinali fiskali li jkopru l-ammont globali approvat;

   iii. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jkun sodisfatt li l-proġett twettaq fl-intier tiegħu skont l-applikazzjoni oriġinali kif approvata, u suġġett għal spezzjoni fuq is-sit mill-istess Bord;

   iv. Il-Proposta tal-Proġett tkun kompluta fi żmien tnax (12) -il xahar li jibdew jgħoddu mill-1 ta' Settembru 2026.

# Linji Gwida

g. L-ammont tal-pre-financing li jammonta għal ħamsin fil-mija (50%) tal-proġett approvat għandu jkun trasferit lill-Applikant ladarba jkun iffirmat il-Grant Agreement bejn il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, minn hawn 'il quddiem referut bħala MIV, u l-Applikant, kif ukoll skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-imsemmi Grant Agreement.

h. Il-bilanċ ta' ħamsin fil-mija (50%) għandu jkun trasferit wara li l-Bord tal-Evalwazzjoni jikkonferma li l-kriterji f'Artiklu 11 (f) aktar 'il fuq ġew sodisfatti.

i. Jekk il-proposta tal-proġett ma titwettaqx skont il-linji gwida provduti mill-Bord tal-Evalwazzjoni, il-ħamsin fil-mija (50%) tal-pre-financing għandhom jintraddu lura.

j. Jekk il-proposta tal-proġett ma titwettaqx fiż-żmien stipulat, il-Bord tal-Evalwazzjoni jirriżerva d-dritt bla preġudizzju, li ma jsirx it-trasferiment tal-bilanċ tal-ħamsin fil-mija (50%) u li jista' jitlob li jirkupra l-ħamsin fil-mija (50%) tal-pre-financing.

**12. Formola tal-Applikazzjoni, Sottomissjoni u Mistoqsijiet**

a. Il-formola tal-applikazzjoni tista' tinkiseb kemm fil-verżjoni bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż u tista' tiġi aċċessata permezz ta' https://vofunding.org.mt

b. Applikazzjonijiet għall-proposti ta' proġetti finanzjati mill-**iSkema Komunitajiet aktar Inklussivi 2026** għandhom ikunu sottomessi **onlajn** biss permezz tal-link provduta hawn fuq.

c. Applikazzjonijiet elettroniċi għandhom jinkludu stima ta' baġit dettaljata (skont is-sezzjoni relatata fuq l-applikazzjoni) bil-prezzijiet provduti bl-Ewro (€) flimkien mal-kwotazzjonijiet relevanti kif spjegat f'Artiklu 9 (c) aktar 'il fuq. Għandha tkun sottomessa wkoll it-tabella "Budget Comparison" kif spjegat f'Artiklu 9 (d) aktar 'il fuq.

d. Kull applikazzjoni elettronika li teċċedi l-limitu massimu ma tkunx eskluża awtomatikament iżda jkun ridott l-ammont allokat skont il-limiti stipulati mil-Linji Gwida.

## Linji Gwida

e. Applikazzjonijiet li ma jsegwux dawn il-Linji Gwida, jew li ma jkollhomx l-informazzjoni mitluba skont il-formola tal-applikazzjoni, għandhom jiġu rifjutati.

f. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu sottomessi **onlajn sas-17 t'April 2026 f'nofsinhar.** Applikazzjonijiet li jidħlu tard ma jiġux ikkunsidrati.

g. Kull mistoqsija dwar din l-iskema għandha tintbagħat permezz ta' email fuq skemi.miv@gov.mt

**13. Branding / Pubbliċità**

a. Apparti l-miżuri maħsuba sabiex jagħtu viżibiltà u jiddesseminaw ir-riżultati tal-proġett (li huma award criteria), hemm obbligu minimu li l-proġett finanzjat jingħata pubbliċità meħtieġa. Il-Benefiċċjarji għandhom jirrikonoxxu lill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat u l-**iSkema Komunitajiet aktar Inklussivi 2026** f'kull komunikazzjoni jew pubblikazzjoni, fi kwalunkwe forma jew mezz, inkluż l-internet, jew f'okkażjonijiet/attivitajiet li għalihom tintuża l-għotja finanzjarja.

b. Dan għandu jsegwi l-istruzzjonijiet sussegwenti:

   i. L-użu tal-logo tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat u l-**iSkema Komunitajiet aktar Inklussivi 2026;**

   ii. L-użu ta' disclaimer li jgħid: "Dan il-proġett kien finanzjat permezz tal-iSkema Komunitajiet aktar Inklussivi 2026 immexxija mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat".

c. Kull tip ta' branding għandu jibqa' fuq kull materjal użat wara t-tlestija tal-proġett, u dan jinkludi kemm xogħol virtwali (e.ż. websites / mezzi soċjali) u affarijiet fiżiċi (e.ż. booklets / bini / tagħmir).

d. Id-data tal-inawgurazzjoni tal-proġett għandha tkun diskussa xahrejn qabel mal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

e. Jekk dawn il-proviżjonijiet ma jiġux segwiti, l-għotja finanzjarja tista' tiġi ridotta.

# Linji Gwida

**14. Protezzjoni tad-Data**

a. Kull data personali inkluża fil-formola elettronika tal-applikazzjoni u fil-grant agreement għandha tiġi proċessata skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (Regolament (UE) 2016/679) u l-Att tal-Protezzjoni tad-Data (Kap 586 tal-Liġijiet ta' Malta).

A. Din id-data tiġi proċessata biss għal fini ta' implimentazzjoni u evalwazzjoni tal-**iSkema Komunitajiet aktar Inklussivi 2026**, bil-possibiltà li tista' tkun trasferita, mingħajr preġudizzju, lill-korpi responsabbli għall-ispezzjoni u verifika hekk kif appuntat mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, u/jew il-Ministeru għall-Finanzi, skont minn fejn il-fondi għall-**iSkema Komunitajiet aktar Inklussivi 2026** ikunu disponibbli.

# 01
# ANNESS

## Linji Gwida

**Anness 1** – Kriterji għall-Eliġibilita', Għażla u Award għall-applikazzjonijiet riċevuti taħt l-**iSkema Komunitajiet aktar Inklussivi 2026**

| **1) Kriterji t'Eliġibilità** | |
|---|---|
| Formola tal-applikazzjoni elettronika kompluta | **Iva / Le** |
| L-Applikant hu skritt u konformi mal-OCVO sad-data tal-għeluq tas-sejħa | **Iva / Le** |
| L-Applikant għandu PSP Agreement attiv mal-Gvern ta' Malta | **Iva / Le** |
| L-Applikant applika għall-proġett wieħed biss taħt l-iskema | **Iva / Le** |
| Il-Proġett huwa innovattiv u mhux repetizzjoni ta' proġetti oħra approvati qabel mill-istess Ministeru jew xi fond ieħor tal-Gvern | **Iva / Le** |
| Il-Proġett huwa kontinwazzjoni / fażi ġdida ta' proġett ieħor | **Iva / Le** |
| Massimu tal-proġett hu ta' 12 -il xahar | **Iva / Le** |

| **2) Kriterji tal-Għażla** | |
|---|---|
| Kapaċità Finanzjarja kkonfermata mill-OCVO – konformi abbażi tal-aħħar return finanzjarja | **Iva / Le** |
| Provdut pjan operattiv | **Iva / Le** |
| Provdut pjan t'azzjoni tal-proġett | **Iva / Le** |
| Il-proġett għandu bżonn xi permessi biex jitwettaq | **Iva / Le / NA** |
| Provduta prova li l-proċess tal-permessi beda | **Iva / Le / NA** |

# Linji Gwida

### 3) Award Criteria

| | |
|---|---|
| Ċarezza ġenerali tal-formola tal-applikazzjoni | **5** |
| Relevanza lejn l-għanijiet tal-iskema | **5** |
| Kif l-applikazzjoni tindirizza l-Istrateġija Nazzjonali għad-Diżabilità u/jew l-Istrateġija Nazzjonali għall-Volontarjat | **15** |
| Kapaċità operattiva tal-applikant biex iwettaq il-proġett / inizjattiva | **10** |
| Pjan t'azzjoni tal-proġett | **10** |
| Preżentazzjoni dettaljata (itemised) tal-baġit finanzjarju u kwotazzjonijiet | **10** |
| Pubbliċità / Marketing proposti għall-proġett | **5** |
| Involviment ta' persuni b'diżabilità, tfal, żgħażagħ, adulti, anzjani | **10** |
| Involviment ta' stakeholders oħra | **5** |
| Sostenibbiltà tal-proġett | **10** |
| Esperjenza fi tmexxija ta' fondi minn Skemi Lokali oħrajn | **5** |
| Il-livell u l-kwalità ġenerali tal-kontenut u l-metodoloġija li ntużat fl-applikazzjoni | **10** |
| Marki Globali | **100** |